**4 ta' Marzu, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Arkitett Edwin Delia *et*

*versus*

Is-Segretarju tad-Djar *et*

## Tifsira tal-Kelma "*Post*"

*Ir-rikorrenti ppretendew li ġie vjolat l-artikolu 38 fil-konfront tagħhom għaliex ġie rekwiżizzjonat fond komproprjetà tagħhom, u huwa ġew mitluba li jirrikonoxxu bħala inkwilini lil terzi persuni li daħlu fil-post.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi l-kliem "post tiegħu" fl-artikolu 38 jipproteġi anki s-sempliċi detentur tal-fondi f'dak il-mument ikun "tiegħu" għall-*

*iskop ta' l-artikolu – il-protezzjoni tad-dritt fundamentali għal daru – dak iċ-ċirku personalissimu għal kull individwu li huwa fundamentali għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-valur tal-ħajja – l-intokkabilità tal-fiżiku tiegħu, u tal-proprjetà li takkompanjah u speċjalment l-intimità ta' daru.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

Is-sentenza li minnha sar dan l-appell, ingħatat mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-14 ta' Ġunju, 1991, u essenzjalment tgħid hekk:

"Il-Qorti, rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti, a termini ta' l-artikolu 8(2) ta' l-Att 11 ta' l-1949 talbu li din il-Qorti tawtorizzahom ma joqogħdux għad-domanda magħmula mill-intimat bl-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu, 1978 lill-awtur tar-rikorrenti, biex jirrikonoxxu lil Paul Mizzi, Saviour Scicluna, Alfred Zammit Carmelo O'Brien u Henry Borg bħala inkwilini tal-fondi numri 9, 9A u 9B Merchants Street, Valletta;

*Omissis;*

Tikkunsidra illi:

1. Ir-rikorrenti huma komproprjetarji tal-fondi 9, 9A u 9B Triq il-Merkanti, Valletta. Fl-1975 l-intimat ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni fuq dawn il-fondi, u akkommoda fihom lil diversi persuni, fuq imsemmijin. B'ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu, 1978 l-intimat interpella lill-awtur tar-rikorrenti biex jirrikonoxxi bħala inkwilini tiegħu lill-persuni msemmijin. Ir-rikorrenti allura ppreżentaw ir-rikors fuq imsemmi, li kien segwit mill-proċeduri fuq deskritti;

2. Il-kwistjoni kostituzzjonali, sollevata mir-rikorrenti fil-pendenza ta' l-appell bin-nota tat-13 ta' Frar, 1989, hija: "Illi r-rikonoxximent forzat ta' l-inkwilini tal-fondi in kwistjoni li jifforma l-meritu ta' din il-kawża jivvjola d-dritt u libertà fundamentali ta' l-esponenti protett mill-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni in kwantu ħadd ma jista'jidħol fil-postijiet tagħhom mingħajr il-kunsens tagħhom";

3. L-artikolu invokat mir-rikorrenti, 38(1) tal-Kostituzzjoni, jiddisponi: "Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu". Mid-disposizzjoni ċitata, il-parti rilevanti għall-kwistjoni odjerna hija "għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu";

4. Jidher ċar li f'dik id-disposizzjoni qiegħda ssir distinzjoni fit-tifsira bejn "proprjetà *tiegħu*" u "*post tiegħu*". Di fatti, kieku l-ħsieb tal-leġislatur ma kienx li jagħmel din id-distnzjoni, kieku ma kienx juża' żewġ espressjonijiet, kif għamel, iżda kien juża' sempliċement waħda. Kieku kien igħid: "..... għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn **f'dik il-proprjetà"**. Jew kien igħid: "..... għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew post tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn **f'dak il-post";**

5. Issa "proprjetà", fil-kontest ta' l-artikolu in eżami, tfisser kull oġġett jew lok li tiegħu l-individwu jkun is-sid. Għandna sinjifikat ġenerali, l-espressjoni "*post*", fil-kontest ta' l-istess artikolu, għandha sinjifikat partikolari. Tfisser il-lok abitat jew okkupat mill-individwu. "*Post*" huwa "lok fejn joqgħod

xi ħadd'', ''abitazzjoni'', ''x mkien partikolari'', ''l-indirizz fejn joqgħod'' (Il-Miklem Malti, Serracino Inglott);

6. Il-premess huwa kkonfermat mis-segwenti:

a) It-titolu marġinali ta' l-artikolu 38(1) in eżami jgħid ''Protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra.'' Id-dar hija naturalment il-*''post''* imsemmi fl-artikolu;

b) Fejn il-leġislatur ried jirriferixxi għall-proprjetà kollha in ġenerali, mhux biss għall-post jew għad-dar, huwa esprima ruħu b'termini ċari, bħal per eżempju ''proprjetà'' fl-istess artikolu 38, u ''proprjetà ta' kull xorta li tkun'' fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

7. Mill-premess jidher li d-dritt fundamentali sanċit fl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni, kif invokat mir-rikorrenti, għall-protezzjoni mid-dħul minn oħrajn fil-post partikolari. M'huwiex mogħti lill-proprjetarji tal-post li ma jkunux jokkupawh;

8. Irriżulta li ħadd mir-rikorrenti, proprjetarju tal-fondi in kwisjtoni, ma jokkupa dawk il-fondi, u ma kien jokkupahom mill-espedizzjoni ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu, 1978, fuq imsemmija, 'il hawn;

Għall-motivi premessi tiddikjara li r-rikonoxximent forzat, (salva d-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tar-rikors in kwistjoni) ta' l-inkwilini tal-fondi in kwistjoni li jifforma l-meritu ta' dak ir-rikors, ma jivvjolax id-dritt u libertà fundamentali tar-rikorrenti protett mill-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni in kwantu ħadd ma jista' jidħol fil-postijiet tagħhom

mingħajr il-kunsens tagħhom;

L-ispejjeż relattivi għal din id-deċiżjoni jitħallsu mir-rikorrenti;

Tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għall-kontinwazzjoni skond il-liġi;

Ir-rikorrenti appellaw u adduċew bħala aggravju illi l-interpretazzjoni ġusta tal-kelma "*post*" li hemm fil-Kostituzzjoni trid tittieħed billi jiġi konsidrat illi l-kelma użata fil-verżjoni ngliża hija *"premises" u din tfisser "houses or lands" u għalhekk il-*kelma "*post*" hija ta' sinjifikat illimitat u għandha tittieħed fis-sens ġeneriku u vast tagħha;

Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx aktar spazju fejn jista' utilment, ikompli jsir l-eżerċizzju semantiku li sar mill-partijiet u mill-Qorti ta' l-ewwel grad rigward il-kelma "*post*" li hemm fl-art. 38. Huwa aktar konsiljabbli li l-portata ta' l-artikolu 38 tittieħed minn eżami ta' dik li hija l-posizzjoni ta' l-artikolu fl-istruttura kostituzzjonali rigward id-drittijiet fundamentali;

*Ir-rikorrenti ssottomettew illi d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali (aktar 'il quddiem imsejjaħ id-Direttur)* qed jivvjolalhom id-dritt fundamentali tagħhom mhux billi daħħal lil terzi persuni – kif jidher min-nota ta' osservazzjonijiet tal-5 ta' April, 1991. Dan huwa importanti għaliex f'dan l-artikolu "id-dħul" li jsemmi, jirriferixxi għall-intenzjoni materjali u fattwali. *Meta* d-Direttur *joħroġ Ordni ta' Rekwiżizzjoni* – jakkwista dak il-"pussess" kurjuż li ħoloq l-Att dwar id-Djar – Art. 2 Kap. 125, però dan m'huwiex id-dħul forzat li jsemmi

l-art. 38 tal-Kostituzzjoni għaliex dik il-kwalità ta' azzjoni hija kontemplata fl-artikolu preċedenti – dak 37 –

"Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju.....";

Din l-istruttura kostituzzjonali ma tippermettix l-insistenza tar-rikorrenti li d-Direttur, li kellu l-"pussess" tal-fondi 9, 9A u 9B Strada Merkanti, Valletta, meta fihom daħħal il-persuni msemmija fl-ittra uffiċjali tiegħu – dokument A – b'daqshekk "daħal" fil-fondi tar-rikorrenti għaliex huwa manifest li "post tiegħu" ta' l-art. 38 jipproteġi anki s-sempliċi detentur tal-fond li f'dak il-mument huwa "tiegħu" għall-iskop ta' l-artikolu – il-protezzjoni tad-dritt fundamentali għal **daru** – dak iċ-ċirku personalissimu għal kull individwu li huwa fundamentali għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-valur tal-ħajja – l-intokkabbilità tal-fiżiku tiegħu, u tal-proprjetà li takkompanjah u speċjalment l-intimità ta' daru. U jerġa' jiġi ripetut – daru – il-post tiegħu – mhix lokazzjoni li tindika proprjetà imma dak il-lok li kull persuna tikkonsidra tagħna, inkwantu tgħix fih jew qiegħed fiċ-ċirku tal-ħajja attiva tiegħu, u mhux f'sens ieħor;

Naturalment, infatti, fil-każi kongruwi post jinkludi postijiet, għaliex l-individwu u l-familja li jifforma jista' jkollu aktar minn post wieħed fejn jirrisjedi – fi żminijiet differenti tas-sena. Barra dan, m'humiex nieqsa minn din il-protezzjoni kontra d-dħul, il-fondi immobiljari li fihom persuna għalkemm ma tkunx tirrisjedi fihom, tkun hemmhekk qed teżerċita professjoni jew mestier – ħanut, għalqa u simili. Il-fondi msemmija fir-rikors ma jidħlu mkien f'dan iċ-ċirku ta' "postijiet tar-rikorrenti" li kostituzzjonalment huma protetti kontra l-

invażjoni tad-dħul;

Għal dawn ir-raġunijiet, in aġġunta għal dawk tal-Qorti ta' l-ewwel grad, is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Ġunju, 1991 hija kkonfermata u l-appell tar-rikorrenti miċħud;

Spejjeż għar-rikorrenti;

L-atti għandhom jiġu rimessi lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għall-kontinwazzjoni tal-kawża prinċipali.